



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

SEC(2007) 676 FINALI

BRUSSELL, 07.06.2007

BAĠIT ĠENERALI - 2007
SEZZJONI III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI 06, 40

TRASFERIMENT TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET
Nru **DEC18/2007**

NFIQ MHUX OBBLIGATORJU

EUR

MINN

KAPITOLU - 40 02 RIŻERVI GĦAL INTERVENTI FINANZJARJI

ARTIKOLU 40 02 41 - 06 03 03 Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-
netwerk trans-Ewropea tat-trasport

AI - 817 383 000

LEJN

KAPITOLU – 06 03 Netwerks trans-Ewropej

ARTIKOLU - 06 03 03 Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk
trans-Ewropea tat-trasport

AI 817 383 000

Fil-qafas ta' l-adozzjoni tal-Baġit għall-2007, il-Parlament Ewropew poġġa l-appropriazzjonijiet kollha għall-impenji kollha (€ 817,383,000) ta' l-artikolu tal-baġit 06 03 03 - "Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk trans-Ewropea tat-trasport" fir-riżerva, sakemm jintlaħqu ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

1. *Dikjarazzjoni ċara mill-Kummissjoni bil-prijoritajiet ta' investment proposti minnha għan-netwerk trans-Ewropea tat-trasport (TEN-T)*
2. *L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Pożizzjoni Komuni dwar ir-Regolamenti TEN*

Fid-dawl tat-tnaqqis tar-riżorsi ta' l-UE għall-appoġġ ta' proġetti ta' interess komuni fil-qasam tat-TEN-T matul il-perjodu 2007-2013 minn € 20 biljun, inizjalment proposti mill-Kummissjoni, għal € 8 biljuni, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni tiddikjara b'mod ċar x'inhuma l-prijoritajiet ta' investment proposti għat-TEN-T.

Ir-Regolament il-ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u l-enerġija¹ (ir-Regolament TEN) jistipula, *inter alia*, il-prijoritajiet għall-fondi Komunitarji u l-kriterji ta' l-għażla tal-proġetti u ta' l-għoti ta' l-għajjnuna. Dan jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi programm ta' ħidma mifruq fuq il-perjodu 2007-2013 kif ukoll programmi ta' ħidma annwali perjodiċi, bl-ewwel wieħed ikun dak li jikkonċerna s-sena baġitarja 2007. Dawn il-programmi għandhom japplikaw il-kriterji stabbiliti fir-Regolament TEN u jiġu implimentati permezz ta' sejniet għal proposti ta' proġetti.

Fit-23 ta' Mejju 2007 il-Parlament Ewropew adotta r-regolament fit-tieni qari mingħajr ebda modifika fit-test tal-pożizzjoni komuni. Sakemm jidħol fis-seħħ ir-Regolament TEN u biex il-Kummissjoni tkun tista' tippubblika s-sejniet għal proposti ta' proġetti kemm jista' jkun malajr, u għalhekk biex issir it-tnejn għal eżekuzzjoni bla problemi tal-baġit tat-TEN-T għall-2007, f'Novembru 2006 il-Presidenti tal-Kumitat tal-PE dwar il-Baġit u dwar it-Trasport u t-Turiżmu, kif ukoll ir-Rapporteur dwar ir-Regolament TEN ftiehmu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Barrot biex issir konsultazzjoni bikrija mal-Parlament Ewropew ("skrutinju informali"). Dan jippermetti lill-Kummissjoni tadotta abbozz tal-programmi ta' ħidma.

Fuq din il-bażi, fit-28 ta' Frar 2007, il-Viċi President Barrot issottometta żewġ abbozzi ta' programmi ta' ħidma liż-żewġ Presidenti u lir-Rapporteur tal-PE. L-abbozz tal-programm multi-annwali 2007-2013 jikkonferma li l-pjanijiet tal-Kummissjoni huma, f'konformità mar-Regolament TEN, li l-parti l-kbira tar-riżorsi baġitarji disponibbli (sa 85%) tkun ikkonċentrata fuq: sezzjonijiet transkonfinali tal-proġetti prijoritarji inklużi fil-Linji Gwida dwar it-TEN-T u t-tneħħija ta' *bottlenecks* f'dawn il-proġetti, kif ukoll sistemi intelliġenti għall-ġestjoni tat-traffiku fuq il-linji tal-ferrovija, it-triq, l-ajru, il-moġħdijiet ta' l-ilma interni, il-kosta u l-baħar. Ir-riżorsi li jifdal fil-qafas tal-programm annwali għall-2007, jikkomplimentaw il-fondi taħt il-programm multi-annwali u b'mod partikolari jindirizzaw proġetti ta' portata iżgħar u b'perjodu ta' implimentazzjoni iqsar, filwaqt li jkopru l-modi differenti tat-trasport. Taħt iż-żewġ programmi, il-proġetti jintgħażlu skond il-kriterji stabbiliti fir-Regolament TEN il-ġdid.

Fit-13 ta' April 2007, f'ittra konġunta lill-Viċi President tal-Kummissjoni Barrot, il-Presidenti u r-Rapporteur ikkonfermaw li din il-konsultazzjoni bikrija mal-Parlament Ewropew hija totalment konformi ma' l-impenn meħud f'dan ir-rigward f'Novembru 2006.

Hija u tadotta ż-żewġ abbozzi ta' programmi ta' ħidma, il-Kummissjoni għalhekk għamlet dikjarazzjoni ċara - bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament TEN - dwar il-prijoritajiet tagħha għall-finanzjament Komunitarju tat-TEN-T. Il-Parlament Ewropew approva din id-dikjarazzjoni b'konklużjoni favorevoli ta' l-"iskrutinju informali" fit-13 ta' April. Għaldaqstant, l-ewwel kundizzjoni biex tintuża r-riżerva baġitarja ntlafqet.

Fit-22 ta' Marzu 2007, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni (Ref. 17032/2/06). B'hekk, it-tieni kundizzjoni biex tintuża r-riżerva baġitarja ntlafqet ukoll.

¹ "Test ta' kompromess" li jirriżulta mid-diskussjonijiet informali tat-trijalogo u li ġie adottat mill-Kumitat tal-PE dwar il-Baġit fit-30 ta' Novembru 2006 u kkonfermat mill-Kunsill fil-pożizzjoni komuni tat-22 ta' Marzu 2007.

I. ŻIEDA

a) Intestatura

06 03 03 - Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk trans-Ewropea tat-trasport

b) Ċifri fid-29/05/2007

	AI
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB)	0
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	0
4. Użu ta' l-approprjazzjoni finali	0
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	0
6. Ftigijiet sa l-aħħar tas-sena	817 383 000
7. Żieda proposta	817 383 000
8. Żieda bħala perċentwal ta' l-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	M/A

c) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Ara l-introduzzjoni

II. TNAQQIS

a) Intestatura

40 02 - RIŻERVI GĦAL INTERVENTI FINANZJARJI - Artikolu 06 03 03 - Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk trans-Ewropea tat-trasport

b) Ċifri fid-29/05/2007

	AI
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB)	817 383 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	817 383 000
4. Użu ta' l-appropriazzjoni finali	0
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	817 383 000
6. Ftigijiet sa l-aħħar tas-sena (*)	0
7. Tnaqqis propost	817 383 000
8. Tnaqqis bħala perċentwal ta' l-appropriazzjoni fil-baġit (7/1A) (* Mhux rilevanti għal linja ta' proviżjoni jew ta' riżerva	100,00%

c) Raġunijiet dettaljati għat- tnaqqis

Ara l-introduzzjoni